MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 773/2013

WasteServ **Malta Limited (C-30560)**

**Vs**

**Anthony Vella (K.I. 52762G)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-ammont mitlub ta' hames mija u tlieta u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€543.88) jirraprezenta hlas dovut ghal servizz ta' rimi u depozitu ta' skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta' attrici.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta' Jannar, 2014 mill-Avukat Victor Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u tlieta u erbghin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€543.88) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------